Nru. 18,073
Prezz/Price
Lm1.60 (€3.73)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Tlieta, 8 ta' Mejju, 2007
Tuesday, 8th May, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 426

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,070 u 18,072 tat-30 ta' April u ta' l-4 ta' Mejju 2007, rispettivament.

A.L. Nru. 125 ta' l-2007: Att dwar Transazzjonijiet Esterni (Kap. 233); Avviż Nru. 2 skond it-tifsira ta' "Assi Eliġibbli" fl-Att dwar Transazzjonijiet Esterni.

A.L. Nru. 126 ta' l-2007: Att dwar Transazzjonijiet Esterni (Kap. 233); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema għal Reġistrazzjoni ta' Flus u Depożiti Bankarji.

A.L. Nru. 127 ta' l-2007: Att dwar Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha.

A.L. Nru. 128 ta' l-2007: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Regolamenti ta' l-2007 dwar l-Aġenzija tal-Programmi ta' l-Unjoni Ewropea.

It-8 ta' Mejju, 2007

GOVERNMENT NOTICES

No. 426

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,070 and 18,072 of the 30th April and the 4th May 2007, respectively.

L.N. No. 125 of 2007: External Transactions Act (Cap. 233); Notice No. 2 in terms of the definition "Eligible Assets" in the External Transactions Act.

L.N. No. 126 of 2007: External Transactions Act (Cap. 233); Currency and Bank Deposits Registration Scheme (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 127 of 2007: Medical and Kindred Professions Ordinance (Cap. 31); Medical Kindred Professions Ordinance (Amendment of Third Schedule) Regulations, 2007.

L.N. No. 128 of 2007: Education Act (Cap. 327); European Union Programmes Agency Regulations, 2007.

8th May, 2007

Nru. 427

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi b'seħħ minn nhar it-Tnejn, is-7 ta' Mejju, 2007, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

Is-7 ta' Mejju, 2007
(OPM 31/2007)

No. 427

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, assumes the additional duties of the Prime Minister and Minister of Finance with effect from Monday, 7th May, 2007, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

7th May, 2007

Nru. 428

ĦATRA TA' DIRETTURI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lill-uffiċjali pubbliċi msemmija hawn taħt fil-kariga ta' Direttur, kif jidher hawn taħt:

No. 428

APPOINTMENT OF DIRECTORS

IN exercise of the powers vested in him by article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed the under-mentiond public officers to the position of Director, as shown hereunder:

		Data Effettiva *Effective Date*
MINISTERU TAL-FINANZI *MINISTRY OF FINANCE*		
Taqsima tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud *Value Added Tax Division*		
Mr Charles Vella	Direttur (Affarijiet Internazzjonali u Legali) *Director (International and Legal Affairs)*	29.03.2007
MINISTERU GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U KOMUNIKAZZJONI *MINISTRY FOR COMPETITIVENESS AND COMMUNICATIONS*		
Taqsima tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni *Consumer and Competition Division*		
Mr Antoine Grima, B.A. (Legal), B.A. (Hons.), Dip. NP, M.A. (Sussex)	Direttur *(Policy* u Servizzi Regolatorji) *Director (Policy and Regulatory Services)*	28.02.2007
MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT *MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT*		
Taqsima għall-Affarijiet Rurali u l-Aġenzija tal-Pagamenti *Rural Affairs and Paying Agency Division*		
Dr Marica Gatt, B.Sc., D.S.P.U. (Agric.), M.Sc., Ph.D. (Agric.)	Direttur *(Plant Health)* *Director (Plant Health)*	28.02.2007

MINISTERU GĦALL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI
MINISTRY FOR THE FAMILY AND SOCIAL SOLIDARITY

Taqsima tas-Sigurtà Soċjali
Social Security Division

Mr Francis Micallef, D.P.A.	Direttur (Benefiċċji) *Director (Benefits)*	28.02.2007

It-8 ta' Mejju, 2007

Nru. 429

ĦATRA TA' AĠENT KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

8th May, 2007

No. 429

APPOINTMENT OF ACTING COMMISSIONER OF LAND

THE Permanent Secretary in the Ministry of Justice and Home Affairs has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Ms Margaret Falzon	Aġent Kummissarju ta' l-Artijiet *Acting Commissioner of Land*	Artijiet *Land*	23-28.5.2007

It-8 ta' Mejju, 2007

8th May, 2007

Nru. 430

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
1/04	8, Ta' Ċenċ Mansions Triq Skerla Sannat, Gozo	Ħatra ta' Amministratur *Appointment of Administrator*	04/08/2004
2/04	8, Ta' Ċenċ Mansions Triq Skerla Sannat, Gozo	Ħatra ta' Amministratur *Appointment of Administrator*	04/08/2004

No. 430

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

1/06	Xwejni Court Qbajjar Road/St. Mary Str Marsalforn, Gozo	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti u ħatra ta' Amministratur *Registration of Rules and Appointment of Administrator*	22/02/2006
2/06	Ta' Wenzu Apartments Triq il-Kantra Xlendi, Gozo	Reġistrazzjoni tar-regolamenti *Registration of Rules*	02/08/2006
3/06	Kenuna Towers Residence Triq it-Torri Nadur, Gozo	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti u ħatra ta' Amministratur *Registration of Rules and Appointment of Administrator*	24/10/2006
4/06	Lighthouse Court Triq il-Madonna taċ-Ċiċri Żebbuġ, Gozo	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti u ħatra ta' Amministratur *Registration of Rules and Appointment of Administrator*	06/12/2006
1/07	Sruġ Flats Sruġ Street Xagħra, Gozo	Registrazzjoni tar-Regolamenti *Registration of Rules*	02/05/2007

Dott. Marlin Vella, LL.D.
Reġistratur ta' l-Artijiet

Dr Marlin Vella, LL.D.
Land Registrar

It-8 ta' Mejju, 2007

8th May, 2007

Nru. 431

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar il-Ħamis, il-31 ta' Mejju 2007, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq, mill-4.00 p.m. 'il quddiem ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll ta' Corinthia Event Catering.

It-8 ta' Mejju, 2007

No. 431

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Upper Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Thursday, 31st May 2007, from 4.00 p.m. onwards the Upper Barrakka Gardens will be closed to the general public and will be under the control of the Corinthia Event Catering.

8th May, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 36

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Ħal Qormi

Nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Mejju, 2007 mis-7.00 a.m. sa nofsinhar minn Triq Kardinal Sciberras u Triq il-Kbira fejn il-Knisja ta' San Ġorġ.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

Ir-Rabat, Għawdex

Nhar is-Sibt, id-19 ta' Mejju 2007 fil-5.00 a.m. sal-Ħadd, l-20 ta' Mejju 2007 fl-4.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Fortunato Mizzi, ir-Repubblika, Sir Adrian Dingli, Pjazza Indipendenza (It-Tokk), Pjazza Savina, Mons. Luigi Vella, it-Telgħa tal-Kastell, it-Telgħa tal-Belt, Sant'Ursola, l-Imgħallem, il-Kapuċċini, Luigi Camilleri, ta' Wara s-Sur, ta' Taħt Putirjal, Pjazza San Franġisk, Enrico Mizzi, Vajringa, Papa Ġwanni Pawlu II, Gedrin, Għar Gerduf, il-Qalb ta' Ġesu, il-Għajn, il-Wied, Dun Pawl Micallef, Pjazza Santu Wistin, Pjazzetta fuq it-Tomba, id-Dawwara, il-Karità, l-Iskola, Pjazza San Ġorġ, San Ġwann Bosco, Arturo Mercieca u l-Librerija.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba hemm jiġu rmunkati.

Iż-Żurrieq/Ħal Safi

Nhar il-Ħadd, l-20 ta' Mejju, 2007 mit-8.00 a.m. sas-2.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, il-Karmnu, Sant'Andrija, parti minn it-Taħħan u parti minn iż-Żurrieq, Ħal Safi.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

It-8 ta' Mejju, 2007

POLICE NOTICE

No. 36

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Qormi

On Friday, 11th May, 2007 from 7.00 a.m. to noon through Triq Kardinal Sciberras and Triq il-Kbira near St. George's Church.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Victoria, Gozo

From Saturday, 19th May 2007 at 5.00 a.m. to Sunday, 20th May 2007 at 4.00 a.m. through the following streets: Fortunato Mizzi, ir-Repubblika, Sir Adrian Dingli, Pjazza Indipendenza (It-Tokk), Pjazza Savina, Mons. Luigi Vella, it-Telgħa tal-Kastell, it-Telgħa tal-Belt, Sant'Ursola, l-Imgħallem, il-Kapuċċini, Luigi Camilleri, ta' Wara s-Sur, ta' Taħt Putirjal, Pjazza San Franġisk, Enrico Mizzi, Vajringa, Papa Ġwanni Pawlu II, Gedrin, Għar Gerduf, il-Qalb ta' Ġesu, il-Għajn, il-Wied, Dun Pawl Micallef, Pjazza Santu Wistin, Pjazzetta fuq it-Tomba, id-Dawwara, il-Karità, l-Iskola, Pjazza San Ġorġ, San Ġwann Bosco, Arturo Mercieca and il-Librerija.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is prohibited and vehicles found there shall be towed.

Żurrieq/Safi

On Sunday, 20th May, 2007 from 8.00 a.m. to 2.00 p.m. through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, il-Karmnu, Sant'Andrija, part of it-Taħħan and part of iż-Żurrieq, Safi.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

8th May, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 37

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Tarxien

Nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Mejju 2007 mill-5.00 p.m. 'il quddiem minn Triq Paola u Misraħ is-Suq.

Nhar is-Sibt, id-19 ta' Mejju 2007 mit-8.00 a.m. 'il quddiem minn Triq Palma kantuniera ma' Triq Lorenzo Gonzi.

Nhar is-Sibt, id-19 ta' Mejju 2007 mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Ħal Tarxien kantuniera ma' San Ġużepp, Paola u Misraħ is-Suq.

Nhar il-Ħadd, l-20 ta' Mejju 2007 mill-10.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Ħal Tarxien kantuniera ma' San Ġużepp, Paola u Misraħ is-Suq.

Nhar il-Ħadd, l-20 ta' Mejju 2007 mis-1.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ is-Suq, Paola, is-Sorijiet, Sammat, San Ġużepp, Ħal Tarxien, Santa Marija u l-Kbira għall-Knisja Parrokkjali.

Vetturi li jinsabu jiksru dan l-avviż ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

It-8 ta' Mejju, 2007

POLICE NOTICE

No. 37

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Tarxien

On Friday, 18th May 2007 from 5.00 p.m. onwards through Triq Paola and Misraħ is-Suq.

On Saturday, 19th May 2007 from 8.00 a.m. onwards through Triq Palma corner with Triq Lorenzo Gonzi.

On Saturday, 19th May 2007 from 3.00 p.m. onwards through the following streets: Ħal Tarxien corner with San Ġużepp, Paola and Misraħ is-Suq.

On Sunday, 20th May 2007 from 10.00 a.m. onwards through the following streets: Ħal Tarxien corner with San Ġużepp, Paola and Misraħ is-Suq.

On Sunday, 20th May 2007 from 1.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ is-Suq, Paola, is-Sorijiet, Sammat, San Ġużepp, Ħal Tarxien, Santa Marija and il-Kbira towards the Parish Church.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

8th May, 2007

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Riżultati ta' l-Intervisti għall-Postijiet fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, jgħarraf illi r-riżultati ta' l-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn fuq ġew ippubblikati u wieħed jista' jarahom fuq in-*notice-board* prinċipali fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, u fuq in-*notice-*

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Results of Interview for Posts in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Permanent Secretary, Ministry for Rural Affairs and the Environment, notifies that the results of the interviews for the undermentioned posts have been published and can be seen on the main notice-board at the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta and on the

board fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:
Chief Weigher fit-Taqsima ta' l-Affarijiet Veterinarji u Sajd

Uffiċjal Xjentifiku

It-8 ta' Mejju, 2007

notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts are the following:
Chief Weigher in the Veterinary Affairs and Fisheries Division
Scientific Officer

8th May, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Office Manager* fil-Kunsill Malti għall-Kwalifiki fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Office Manager* fil-Kunsill Malti għall-Kwalifiki fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi.

2.1 Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Office Manager* fil-Kunsill Malti għall-Kwalifiki fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Office Manager* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna magħżula li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm fil-każ li jiġi tterminat il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt, tiġi maħtura fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn skala 7, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri ta' *Office Manager* u tkun trasferita għad-doveri li jikkorispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 permezz ta' *progression*, il-persuni titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' *Office Manager* fil-Kunsill Malti għall-Kwalifiki fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 7 (bħalissa Lm 8,316 (€19,371.07)). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Office Manager within the Malta Qualifications Council of the Ministry of Education, Youth and Employment

The Public Service Commission invites applications for the position of Office Manager within the Malta Qualifications Council of the Ministry of Education, Youth and Employment.

2.1. The selected candidate will enter into a three-year contract as Office Manager within the Malta Qualifications Council of the Ministry of Education, Youth and Employment. Unsatisfactory performance as Office Manager during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officers holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her service with the Malta Qualifications Council as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or terminated.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, and during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Office Manager and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

3. The position of Office Manager within the Malta Qualifications Council of the Ministry of Education, Youth and Employment carries a salary equivalent to the maximum of Scale 7 (currently Lm8,316 (€19,371.07)). In the case that the selected candidate is a Public Officer holding a

fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. Persuna fil-pożizzjoni ta' *Office Manager* trid taħdem taħt id-direzzjoni u l-istruzzjonijiet tas-CEO, tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki u trid twieġeb u tagħti rendikont tax-xogħol tagħha lill-istess CEO. Persuna fil-pożizzjoni ta' *Office Manager* tkun responsabbli, fost l-oħrajn, għal dawn id-dmirijiet:

a) Amministrazzjoni tajba tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki fuq il-prattiċi lokali u ta' l-Unjoni Ewropeja;

b) Amministrazzjoni tajba tal-fondi u finanzi inkluż salarji tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki u preżentazzjoni ta' l-i*statements* finanzjarji tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki lill-awdituri kompetenti,

ċ) Iżżomm u tarkivja d-dokumenti relevanti għall-finanzi u amministrazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki*;*

d) Iżomm inventarju aġġornat ta' l-assi, għamara u apparat ta' l-uffiċċju u kull materja oħra mixtrija mill-fondi lokali jew ta' l-UE jew mogħtija lill-Kunsill Malti għall-Kwalifiki;

e) Takkwista, skond regoli stabbiliti ta' xiri, għamara, apparat u dak kollu meħtieġ għall-amministrazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki;

f) Tikkoordina mad-Direttur tal-Finanzi u Amministrazzjoni tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi fuq xiri u materji oħra ta' natura finanzjarja u amministrattiva;

g) Tattendi u żżomm minuti ta' laqgħat ta' l-i*staff* tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki;

h) Tattendi laqgħat lokali u barra fuq materji tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki meta u fejn meħtieġ;

i) Tmexxi l-ħaddiema klerikali u oħrajn tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki;

j) Kull materja oħra li għandha x'taqsam mal-Finanzi u Amministrazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki.

5. L-applikanti għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

substantive appointment in the Malta Public Service, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The Office Manager shall work under the direction and instructions of the CEO of the Malta Qualifications Council and will at all times be answerable to, and give account of his/her work to the CEO of the Malta Qualifications Council. The Manager, (Finance and Administration) shall be responsible, inter alia, shall be responsible:

a) for the proper administration of the Malta Qualifications Council in line with EU and local practices;

b) for the proper management of the funds including salaries of the Malta Qualifications Council and shall present the financial statements of the Malta Qualifications Council to audit;

c) for all the keeping and archiving of the records of financial and administrative management of the Malta Qualifications Council;

d) for keeping an updated inventory of all furniture and office equipment and all other movable and immovable equipment;

e) for acquiring supplies and other materials and furniture for the Malta Qualifications Council;

f) for liaising with Director, Finance and Administration of Ministry of Education, Youth and Employment on procurement and other relevant financial issues;

g) for attending and keeping records of Malta Qualifications Council seminar staff meetings;

h) for attending meetings locally and abroad in relation to Malta Qualifications Council matters if and when required;

i) for Malta Qualifications Council's recruitment and management of clerical and other support staff;

j) for any other matter relating to Finance and Administration of the Malta Qualifications Council.

5. Applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) be citizens of another European Union Member State;

JEW

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea);

JEW

(iv) ikunu l-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom, jew għandhom l-approvazzjoni ta' Università għall-għoti ta', *post-graduate degree* rikonoxxuta fil-Finanzi, *Management* u/jew *Accounts* jew f'xi qasam ta' studju relatat jew kwalifika oħra xierqa, rikonoxxuta u komparabbli, u sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti;

JEW

ikollhom, jew għandhom l-approvazzjoni ta' l-Università għall-għoti ta', *first degree* rikonoxxuta fil-Finanzi, *Management* u/jew *Accounts* jew f'xi qasam ta' studju relatat jew kwalifika oħra xierqa, rikonoxxuta u komparabbli, u tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

(d) ikunu jafu l-*Accounting* (mill-inqas fil-livell Avvanzat) u jkunu kapaċi jaħdmu fuq programmi tal-Kompjuter li juża l-Kunsill Malti għall-Kwalifiki.

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà huma fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola tas-*Service and Leave Record Form* (GP47); dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji).

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet

OR

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) be able to communicate in the Maltese and English languages;

c) be in possession of, or have been approved for the award of, a recognised post-graduate degree in Finance, Management and/or Accounts or in a related field of study or an appropriate, comparable and recognised qualification, and one (1) year relevant work experience;

OR

be in possession of, or have been approved for the award of, a recognised first degree in Finance, Management and/or Accounts or in a related field of study or an appropriate, comparable and recognised qualification, and three (3) years relevant work experience.

d) have Accounting knowledge (at least up to Advanced level) and be able to work on basic computer programmes available at the Malta Qualifications Council.

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months prior the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service, giving details).

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal

Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Bord ta' Għażla jintervista lill-applikanti eliġibbli biex jitqies minn ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

7.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u muri fin-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Uffiċċju tal-*Customer Care*, fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi, il-Furjana.

7.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Johroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

7.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom isiru fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8.1 Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tieħu taħriġ f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

8.2 F'dan il-każ il-persuna magħżula tkun marbuta bil-kundizzjonijiet rilevanti tal-PSMC.

9. Il-persuna magħżula tkun mistennija taħdem ġimgħa ta' erbgħin (40) siegħa xogħol, għalkemm l-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jinħtieġu ħinijiet itwal.

10.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.2 Hija r-responsabiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet

Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Ministry and copied to the NCPD.

7.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

7.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Customer Care Office, Ministry of Education, Youth and Employment.

7.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organizations.

7.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

8.1 The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

8.2 In such a case the selected applicant will be bound by the relevant PSMC conditions.

9. The selected applicant will generally be expected to work on a forty (40) hour week basis, although exigencies of the position may require working additional or irregular hours.

10.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates or testimonials (photocopies to be included with the applications, originals to be produced for verification at the interview).

10.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary

terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

11. Malli jkunu ingaġġati, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk l-Uffiċjali Pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* rispettivament. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

12. Il-persuna magħżula jkollha toqgħod għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

13. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *Curriculum Vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Uffiċċju tal-*Customer Care*, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi, il-Furjana jew mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex mhux aktar tard minnofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Ġunju 2007.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mill-Uffiċċju tal-*Customer Care*, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi, il-Furjana jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

15. L-applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Ġunju 2007 jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal fl-Uffiċċju tal-*Customer Care*, Ministeru tal-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg, il-Furjana, sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* ta' l-Uffiċċju huwa +356-2123 6187.

16. (a) Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn fl-Uffiċċju tal-*Customer Care*, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg, il-Furjana.

education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

11. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO web site at address:- http://www.mpo.gov.mt.

12. The selected candidate will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

13. Applications, together with a curriculum vitae, indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Customer Care Office, Ministry of Education, Youth and Employment, Floriana or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than noon of Friday, 1st June 2007.

14. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Customer Care Office, Ministry of Education, Youth and Employment, Floriana or the Education Office, Victoria, Gozo.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by Friday, 1st June 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Customer Care Office, Ministry of Education, Youth and Employment, Floriana by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Office is +356-2123 6187.

16. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Customer Care Office, Ministry of Education, Youth and Employment, Floriana and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data ta' l-għeluq. Tintbagħat rċevuta bil-posta mill-Uffiċċju tal-*Customer Care*, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi, il-Furjana fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-8 ta' Mejju, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Communications Manager* fil-Kunsill Malti għall-Kwalifiki fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Communications Manager* fil-Kunsill Malti għall-Kwalifiki fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi.

2.1 Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Communications Manager*, fil-Kunsill Malti għall-Kwalifiki fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Communications Manager* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna magħżula li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm fil-każ li jiġi terminat il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt, tiġi maħtura fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn skala 7, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri ta' *Communications Manager* u tkun trasferita għad-doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' *Communications Manager* fil-Kunsill Malti għall-Kwalifiki fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 7 (bħalissa Lm8,316 (€19,371.07)). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Customer Care Office, Ministry of Education, Youth and Employment, Floriana within seven days.

8th May, 2007

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Communications Manager within the Malta Qualifications Council of the Ministry of Education, Youth and Employment

The Public Service Commission invites applications for the position of Communications Manager within the Malta Qualifications Council in the Ministry of Education, Youth and Employment.

2.1. The selected candidate will enter initially into a three-year contract as Communications Manager within the Malta Qualifications Council of the Ministry of Education, Youth and Employment. Unsatisfactory performance as Communications Manager during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her service with the Malta Qualifications Council as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or terminated.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, and during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Communications Manager and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

3. The position of Communications Manager within the Malta Qualifications Council of the Ministry of Education, Youth and Employment carries a salary equivalent to the maximum of Scale 7 (currently Lm8,316 (€19,371.07)). In the case that the selected candidate is a Public Officer holding

sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. Persuna fil-pożizzjoni ta' *Communications Manager* trid taħdem taħt id-direzzjoni u l-istruzzjonijiet tas-CEO fil-Kunsill Malti għall-Kwalifiki u trid twieġeb u tagħti rendikont tax-xogħol tagħha lill-istess CEO. Persuna fil-pożizzjoni ta' *Communications Manager* tkun responsabbli, fost l-oħrajn, għal dawn id-dmirijiet:

a) ppjanar, twettiq u monitoraġġ ta' strateġija ta' komunikazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki;

b) aġġornament regolari tal-*website* tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki;

ċ) tipproduċi u tqassam materjal stampat u materjal ieħor tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki lill-imsieħba u l-pubbliku ġenerali;

d) torganizza s-sehem tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki f'wirjiet u attivitajiet rilevanti;

e) torganizza u tieħu sehem fi programmi tar-radju u televiżjoni fuq il-Kunsill Malti għall-Kwalifiki;

f) iżżomm rekord ta' l-attivitajiet tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki fuq il-*media*;

g) iżżomm kuntatt kontinwu mal-pubbliku (e.ż. permezz ta' *e-mail* u ta' msieħba oħra;

h) tattendi korsijiet ta' taħriġ Malta jew barra minn Malta dwar komunikazzjoni;

i) issiefer fuq xogħol tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki;

j) twettaq xogħol ieħor relatat mal-promozzjoni u l-komunikazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki.

5. L-applikanti għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-moviment

a substantive appointment in the Malta Public Service, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The Communications Manager shall work under the direction and instructions of the CEO of the Malta Qualifications Council and will at all times be answerable to, and give account of his/her work to the CEO of the Malta Qualifications Council. The Communications Manager will be responsible for the following tasks:

a) planning, implementation and monitoring of a communication strategy for the Malta Qualifications Council;

b) updating regularly the Malta Qualifications Council website;

c) producing and disseminating printed or other material by the Malta Qualifications Council to stakeholders and the general public;

d) organizing participation of the Malta Qualifications Council in relevant exhibitions and other events;

e) organizing and participating in radio and television programmes on Malta Qualifications Council matters;

f) keeping records of the Malta Qualifications Council activities in the local media;

g) maintaining contact with the general public (through e-mail etc.) and all other stakeholder;

h) attending training courses relative to communications locally and abroad;

i) traveling abroad when necessary to events relating to the Malta Qualifications Council;

j) carrying out any other task relating to marketing and communications with the Malta Qualifications Council.

5. Applicants must be:-

a) (i) citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the

ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea);

JEW

(iv) ikunu l-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom, jew għandhom l-approvazzjoni ta' Università għall-għoti ta', *post-graduate degree* rikonoxxuta fil-Komunikazzjoni jew f'xi qasam ta' studju relatat jew kwalifika oħra xierqa, rikonoxxuta u komparabbli, u sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti;

JEW

ikollhom, jew għandhom l-approvazzjoni ta' Università għall-għoti ta', *first degree* rikonoxxuta fil-Komunikazzjoni jew f'xi qasam ta' studju relatat jew kwalifika oħra xierqa, rikonoxxuta u komparabbli, u tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti;

d) ikunu kapaċi jaħdmu fuq programmi tal-*computer* li juża l-Kunsill Malti għall-Kwalifiki;

Il-garaxx bla numru uffiċjali, internament immarkat bin-numru erbgħa u tletin (34), fil-livell tal-basement, jifforma parti minn kumpless ta' garaxxijiet li jinsab mibni fuq żewġ sulari ossija fil-livell tal-basement u fil-livell tal-groundfloor, liema kumpless flimkien ma' proprjetà oħra sovrapposta jinsab mibni fuq sit li qabel kien okkupat mid-dar numru ħdax (11) jisimha "Sundor", Annunciation Street, il-Ħamrun, u d-dar numru ħdax (11) Triq Santu Wistin, il-Ħamrun, liema garaxx huwa aċċessibbli minn rampa u drive-in li jwasslu mill-istess Annunciation Street, il-Ħamrun u fuq liema rampa u drive-in il-kumpratur igawdi servitù ta' passaġġ in komuni mas-sidien tal-garaxxijiet l-oħra kollha fl-istess kumpless, bid-drittijiet, piżijiet u l-pertinenzi tiegħu kollha fl-istat li jinsab 'tale quale' u bid-dritt ta' l-użu biss tal-bir komuni flimkien mas-sidien tal-garaxxijiet l-oħra fl-istess kumpless, u bid-dritt ta' passaġġ bir-riġel biss mill-isqaq li jwassal minn Triq Santu Wistin il-Ħamrun għall-imsemmi kumpless, liema garaxx jikkonfina mil-Lvant mad-drive-in komuni, min-Nofsinhar u mit-Tramuntana ma' beni tal-kumpanija 'D.M.

By decree given by the Civil Court, First Hall on 17th April, 2007 on the application of HSBC Bank Malta plc, Thursday, 24th May, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the Sale by Auction ordered by a decree given on the 18th August, 2006 to be held in the corridors of these Law Courts, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property.

Garage without official number but internally marked thirty four (34) at Basement level, forming part of a garage complex built on two floors at basement and ground-floor levels. This complex together with other overlying property is built on the site previously occupied by a house, numbered 11, and named 'Sundor' in Annunciation Street, Ħamrun and house number 11 in St. Augustine Street, Ħamrun. This garage is accessible from a ramp and drive-in leading on to Annunciation Street, Hamrun over which the occupier enjoys the right of passage which is common with the owners of the other garages in the same complex, with all its rights, burdens and appurtenances, 'tale quale' and with a right of use of the well shared between all the other garage owners in the same complex and the right of passage on foot only from the lane leading from St. Augustine Street to the said complex. This garage is bounded on the East by the said drive-in, on the South and on the North by property of 'D.M. Developments Limited company registration number C19667, and valued at

Development Limited, numru ta' Reġistrazzjoni (C19667), stmat li jiswa Lm7,000.00 (€16,305.61).

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Martin Vella.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Godwin P. Abela fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-30 ta' Ottubru, 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum is-27 ta' April 2007.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Lm7,000.00 (€16,305.61).

The said property belongs to Martin Vella.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by A.I.C. Godwin P. Abela A & C E on the 30th October, 2006.

Registry of the Superior Courts, this 27th April, 2007.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil courts and Tribunals

688

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-18 ta' April 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba fid-9 ta' Frar 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Mark Parretti (ID260876M) ta' Fatima, Guardamangia Hill, Pietà, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn lira Maltija Lm200 (€465.87) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (113/07RFA) hija differita għat-18 ta' Mejju 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 4 ta' Mejju 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 18th April 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 9th February 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Mark Parretti (ID260876M) of Fatima, Guardamangia Hill, Pietà, to pay the plaintiff company the sum of two hundred Maltese liri Lm200 (€465.87) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 113/07RFA) is put off on the 18th May 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 4th May 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

689

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-18 ta' April 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba fil-15 ta' Diċembru 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Marsamxett Regatta Club u b'digriet tat-13 ta' April 2007 ġew kjamati fil-kawża Jeffrey Farrugia u Joseph Spiteri fil-kwalità tagħhom ta' President u Segretarju tas-soċjetà konvenuta u għan-nom u in rappreżentanza ta' l-istess Marsamxett Regatta Club ta' Triq

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 18th April 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 15th Dicembru 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Marsamxett Regatta Club and by a decree of the 13th April 2007 Jeffrey Farrugia and Joseph Spiteri in the capacity of President and Secretary of the defendant company and for and on behalf of the same Marsamxett Regatta Club where called into suit as third parties

Marsamxett, Valletta, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erba' mija u tlieta u ħamsin lira Maltija u erbgħa u disgħin ċenteżmu Lm453.94 (€1,057.40) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (1090/06RFA) hija differita għat-18 ta' Mejju 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 4 ta' Mejju 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of Triq Marsamxett, Valletta, to pay the plaintiff company the sum of four hundred and fifty three Maltese liri and ninty four cents Lm453.94 (€1,057.40) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1090/06RFA) is put off on the 18th May 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 4th May 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

690

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-18 ta' April 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba, fil-15 ta' Frar 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Vincent Xuereb (ID82266M) ta' Sunflower Court, Block 3D, Triq Gianni Vella, Birkirkara, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitt mija u ħamsin lira Maltija u tlieta u ħamsin ċenteżmu Lm650.53 (€1,515.33) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (133/07RFA) hija differita għat-18 ta' Mejju 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 4 ta' Mejju 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 18th April 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 15th Frar 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Vincent Xuereb (ID82266M) of Sunflower Court, Block 3D, Triq Gianni Vella, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of six hundred and fifty Maltese liri and fifty three cents Lm650.53 (€1,515.33) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 133/07RFA) is put off on the 18th May 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 4th May 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

691

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' April 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 280/04 AL, fl-ismijiet Shakhzada Dekhankhodjayeva et vs Adrian Azzopardi, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Adrian Azzopardi, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 24th April 2007, in the records of the Writ of Summons Number 280/04 AL, in the names Shakhzada Dekhankhodjayeva et vs Adrian Azzopardi, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant Adrian Azzopardi, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Ċitazz. Numru 280/04 AL

Shakhzada Dekhkazkhodjayeva et

Vs

Adrian Azzopardi

Differita: 23/5/07)

Rikors ta' l-atturi Shakhzada Dekhkanhodjayeva et,

Jesponu bir-rispett:

Illi permezz tal-kawża odjerna l-esponenti qed jitolbu illi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 18 ta' Ottubru 2002, huwa null u bla effett fil-liġi.

Illi in forza tal-preċitat kuntratt il-konvenut Adrian Azzopardi qed jippretendi li għandu jieħu mingħand l-atturi, is-somma ta' sebgħa u ħamsin elf u ħames mitt lira Maltin Lm57,500 (€133,938.97) u in forza ta' liema kien istitwixxa l-proċedura tas-subbasta immobbli numru 22/2004, fl-ismijiet Adrian Azzopardi vs Sandjar Dekhkankhodjayev u martu Shahzada Dekhkankhodjaye, għall-bejgħ tad-dar tagħhom 31/53, 'Casa Leone', G. Despott Street, Kappara.

Illi l-imsemmija proċeduri tas-subbasta kienu ġew sospiżi b'digriet tat-22 ta' April 2004, pendenti l-eżitu finali tal-kawża odjerna.

Illi l-atturi jeħtiġilhom ibiegħu din il-proprjetà u kif ġie verbalizzat fis-seduta tas-27 ta' Frar 2007, quddiem din l-Onorabbli Qorti, huma lesti illi mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ jagħtu lill-konvenut garanzija bankarja għas-somma ta' mija u għoxrin elf lira Maltin Lm120,000 (€279,524.81) rappreżentanti Lm57,500 (€133,938.97) il-kapital pretiż mill-konvenut, Lm57,500 (€133,938.97) oħra biex tagħmel tajjeb għall-imgħax legali u Lm5,000 (€11,646.87) biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ġudizzarji. Dan naturalment sabiex l-atturi jkunu jistgħu jbiegħu l-fond de quo. Kif anke l-Avukat sottoskritt iddikjara waqt l-aħħar seduta, l-atturi sabiex iserħu moħħ il-konvenut, offrew illi fuq il-kuntratt tal-bejgħ jidher l-Avukat tal-konvenut, l-Avukat Dottor Raphael Fenech Adami, sabiex is-somma imsemmija ta' Lm120,000 (€279,524.81) mir-rikavat tal-bejgħ tiġi depożitata f'idejħ minflok f'idejn in-Nutar Dottor John Gambin, u dan sabiex tiġi depożitata l-Bank għall-ħruġ tal-garanzija bankarja favur l-istess konvenut għas-somma ta' Lm120,000 (€279,524.81) (Dok. A).

Illi l-atturi diġà għamlu l-arrangamenti neċessarji mal-APS Bank Limited, għall-ħruġ ta' l-imsemmija garanzija appena tiġi depożitata s-somma msemmija ta' Lm120,000 (€279,524.81).

Writ of Summons Number 280/04 AL

Shakhzada Dekhazkhodjayeva et

Vs

Adrian Azzopardi.

(Put off: 23/5/07)

Application of the plaintiffs Shakhzada Dekhanhodjayeva et,

Plead with respect:

That by means of the present cause the plaintiffs are asking that the contract of constitution of debt dated 18th October 2002, is null and without effect at law.

That in force of the preceeding contract the defendant Adrian Azzopardi, is pretending that he is a creditor of the plaintiffs in the sum of fifty seven thousand Maltese Liri Lm57,500 (€133,938.97) and in virtue of which he had instituted the procedure number 22/2004, for the judicial sale of the immovable in the names Adrian Azzopardi vs Sandjar Dekhkankhodjayev and his wife Shahzada Dekhkankhodjaye for the sale of their home 31/53, 'Casa Leone' G. Despott Street, Kappara.

That the said procedures of judicial sale were suspended by decree of the 22nd April 2004, pending the final exist of the present law suit.

That the plaintiffs need to sell this property and as was minuted during the sitting of the 27th February 2007, before this Honourable Court, they are ready that on the publication of the contract of sale, they give the defendant a bank guarantee for the sum of one hundred and twenty thousand Maltese Liri Lm120,000 (€279,524.81) representing Lm57,500 (€133,938.97) capital claimed by the defendant, Lm57,500 (€ 133,938.97) in order to secure the legal interest and Lm5,000 (€11,646.87) to secure the judicial expenses. This naturally so that the plaintiffs can sell the premises de quo. Even as the undersigned Advocate declared during the last sitting, the plaintiffs in order reassure the defendant, offered that on the contract of sale there appears the defendant's Lawyer, Advocate Dr. Raphael Fenech Adami, so that the sum mentioned of Lm120,000 (€279,524.81) from the sale be deposited with him, instead of Notary Dr. John Gambin, and this so that it be deposited in a Bank for the issue of a bank guarantee in favour of the same defendant for the sum of Lm120,000 (€279,524.81) (Doc. A).

That the plaintiffs have already made the necessary arrangements with APS Bank Limited, for the issue of the said guarantee as soon as the said sum of Lm120,000 (€279,524.81) is deposited.

Illi wara l-aħħar seduti l-Avukati rispettivi tal-partijiet flimkien man-Nutar Dottor John Gambin, ftehmu illi jiltaqgħu mal-partijiet u max-xerrejja prospettivi, il-konjugi Fosberry, fit-8 ta' Marzu 2007, fil-11.30 a.m., fl-uffiċċju tan-Nutar Gambin ġewwa 43/2, Strait Street, Valletta, sabiex tiġi ffirmata skrittura ai termini ta' dak li ġie verbalizzat quddiem din l-Onorabbli Qorti waqt l-aħħar udjenza.

Illi fil-jum qabel l-appuntament miftiehem l-Avukat tal-konvenut informa lill-Avukat ta' l-atturi illi l-konvenut ma kienx beħsiebu jattendi għal-laqgħa miftehma u dan mingħajr ma ngħatat ebda raġuni valida. L-Avukat sottoskritt fehem illi nonostante dak li ġie sottomess u verbalizzat waqt l-aħħar seduta quddiem din l-Onorabbli Qorti, il-konvenut bidel fehmtu u ma kienx beħsiebu jikkoopera għall-ħruġ tal-garanzija bankarja fuq imsemmija a favur tiegħu stess.

Illi għalhekk l-atturi xorta ltaqgħu max-xerrejja prospettivi fid-data u ħin miftiehem u flimkien man-Nutar Dottor John Gambin u ffirmaw skrittura, kopja hawn annessa u mmarkata Dok JB1, li permezz tagħha l-atturi, flimkien max-xerrejja prospettivi u n-Nutar Dottor John Gambin, intrabtu illi, salv li din l-Onorabbli Qorti tagħti l-awtorizzazzjoni neċessarja, is-somma ta' Lm120,000 (€279,524.81), mir-rikavat tal-bejgħ tiġi depożitata l-APS Bank Limited, sabiex tinħareġ garanzija bankarja a favur tal-konvenut, sakemm tiġi deċiża l-kawża odjerna.

Illi l-garanzija bankarja offerta altru milli tikkawtela adegwatament il-pretensjoni tal-konvenut kontra l-atturi. Illi r-rifjut tal-konvenut li jikkoopera għall-ħruġ tal-garanzija bankarja a favur tiegħu stess proprju huwa inspjegabbli u l-esponenti għandhom għaliex jaħsbu illi l-konvenut qed jaġixxi b'sens ta' pika.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha (1) tordna l-alleggazzjoni ta' l-atti tas-subbasta fuq imsemmija u (2) tawtorizza lil-atturi ibiegħu l-fond de quo lix-xerrejja prospettivi, il-konjuġi Fosberry, taħt il-kundizzjonijiet stipulati fl-iskrittura Dok. JB1 fosthom li s-somma ta' Lm120,000 (€279,524.81) mill-rikavat tal-prezz tiġi depożitata f'idejn in-Nutar Dottor John Gambin li min-naħa tiegħu jiddepożitah mal-APS Bank Limited, għall-ħruġ tal-garanzija bankarja de quo, a favur il-konvenut u tagħti dawk il-provvedimenti kollha neċessarji sabiex l-ordni tal-Qorti tiġi osservata.

Qorti Ċivili – Prim Awla

Imħallef

Onor. Abigail Lofaro, LL.D.
Dip. Stud. Rel. Mag. Juris (Eur Law)

Ċitazz. Numru 280/04 AL

That after the last sittings, the respective Lawyers of the parties together with Notary Dr. John Gambin agreed to meet with the parties and the prospective buyers, the spouses Fosberry, on the 8th March 2007, at 11.30 a.m., at the office of Notary Gambin at 43/2, Strait Street, Valletta, so that there be signed the writing in terms of that minuted before the Honourable First Court during the last hearing.

That on the day prior to the agreed appointment the defendant's Lawyer, informed the Lawyer of the plaintiffs, that the defendant did not intend to attend the meeting agreed and this without any valid reason. The undersigned Advocate understood that notwithstanding what was submitted and minuted, during the last sitting before this Honourable Court, the defendant changed his mind and did not intend to cooperate for the issue of a bank guarantee above mentioned in his favour.

That thus the plaintiffs still met the prospective buyers on the date and time agreed and together with Notary Dr. John Gambin and signed a writing, copy hereby attached and marked JB1 in virtue of which the plaintiffs, together with the prospective buyers and Notary Dr. John Gambin, bound themselves that saving that this Honourable Court, gives the necessary authorization, the sum of Lm120,000 (€279,524.81) from the proceeds of the sale be deposited at APS Bank Limited, in order that a Bank guarantee be issued in favour of the defendant till the present lawsuit is decided.

That the bank guarantee offered more than adequately covers the claim of the defendant, against the plaintiffs. That the refusal of the defendant to cooperate for the issue of a bank guarantee in his favour is unexplainable and the applicants have reason to believe that the defendant is acting out of pique.

Thus the applicants pray with respect that this Honourable Court (1) orders that the records of the judicial sale above mentioned be attached, (2) authorize that the plaintiffs sell the premises de quo to prospective buyers, the spouses Fosberry, under the conditions stipulated in the writing Doc JB1 amongst which the sum of Lm120,000 (€279,524.81) from the proceeds of the price be deposited with Notary Dr. John Gambin, who on his part deposited it with APS Bank Limited, for the issue of the bank guarantee de quo in favour of the defendant and make all the necessary provisions so that the order of the Court be observed.

Civil Court – First Hall

Judge

Hon. Abigail Lofaro, LL.D.
Dip. Rel. Stud. Mag. Juris (Eur Law)

Writ of Summons 280/04 AL

Shakhzada Dekhkankhodjayeva et

Versus

Adrian Azzopardi

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors,

Tordna n-notifika lill-konvenut b'sitt ijiem żmien għar-risposta.

Illum 15 ta' Marzu 2007.

Iffirmat: Saviour Aquilina
Deputat Reġistratur

Konvenut: Adrian Azzopardi
'Gomol'
Notabile Road,
Balzan.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 280/04 AL, fl-ismijiet Dekhkankhodjayev Shakhzada pro et noe vs Adrian Azzopardi tinsab differita għat-23 ta' Mejju 2007, fil-11.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Mejju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Shakhzada Dekhkankhodjayeva et

Versus

Adrian Azzopardi.

The Court;

Saw the Application,

Orders that it be notified to the defendant who is to file a reply within six days.

Today 15th March 2007.

Signed: Saviour Aquilina.
Deputy Registrar.

Defendant: Adrian Azzopardi
'Gomol'
Notabile Road,
Balzan.

The cause Writ of Summons Number 280/04 AL, in the names Dekhkankhodjayev Shakhzada pro et noe vs Adrian Azzopardi has been put off to the 23rd May 2007, at 11.30 a.m.

Registry of the Superior Courts today, 4th May 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

692

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Marzu 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 1126/06 RCP, fl-ismijiet Jesmond Farrugia et versus Jonathan J. Borg, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Jesmond Farrugia (ID 78964M) Chairman u Simon Grima (ID 574963M) Segretarju Ġenerali għan-nom u in rappreżentanza tal-Mosta Technopark Tenants' Association vs Jonathan J. Borg (ID 0198086M), fid-19 ta' Diċembru 2006, ir-rikorrenti Jesmond Farrugia et noe, espona bir-rispett:

1. Illi l-intimat kien ingaġġat magħhom bħala l-*accountant* għal xi żmien qabel April 2006, inkluż tul is-sena 2005, ...Omissis...

2. Illi l-intimat biex ikun jista' jagħmel il-pagamenti kien ukoll jieħu ħsieb biex jipprepara ċ-ċekkijiet relattivi sabiex

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 21st March 2007, in the records of the Writ of Summons Number 1126/06 RCP, in the names Jesmond Farrugia et versus Jonathan J. Borg, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court in the names Jesmond Farrugia (ID 78964M) Chairman and Simon Grima (ID 574963M) General Secretary in the name and in representation of Mosta Technopart Tenants' Association vs Jonathan J Borg (ID 0198086M) , on the 19th December 2006, the applicant Jesmond Farrugia et noe pleaded with respect:

1. That the respondent was appointed by them as an accountant for some time before April 2006, including the year 2005, ...Omissis...

2. That the respondent in order than he may be able to make payments also took care to prepare the relative cheques

dawn jiġu ffirmati mill-firmatarji awtorizzati tar-rikorrenti ...Omissis...

3. Illi wara li l-intimat spiċċa mill-impieg u tqabbad accountant ieħor, Karl Magri, ġew fid-deher numru ta' diskrepanzi illi ġiegħlu lill-*accountant* il-ġdid jagħmel investigazzjoni aktar fil-fond ...Omissis...

4. Illi fil-kors ta' l-investigazzjoni rriżulta illi kien hemm numru sostanzjali ta' ċekkijiet illi ġew maħruġa fuq isem l-intimat f'total ta' sebat elef seba' mija u erbatax-il lira u tlieta u disgħin ċenteżmu Lm7,714.93 (€17,970.95) ...Omissis.....

5. Illi mitlub jispjega dan kollu l-intimat ta' numru ta' spjegazzjonijiet differenti; ...Omissis...

6. Illi meta saru d-debiti riċerki mad-Dipartiment msemmija rriżulta illi kontra dak li qal l-intimat kien hemm arretrati sostanzjali x' jitħallsu u kienu ġew inkorsi l-penali u imgħax skond il-liġi fl-ammont ta' elfejn ħames mija tnejn u tmenin lira 69c) Lm2,582.69 (€6,016.05) ...Omissis...

7. Illi dan kollu hu spjegat aktar fid-dettall mid-dokument A anness, ...Omissis...

8. Illi minkejja attentati fit-tul biex il-kwistjoni tiġi spjegata u riżolta l-intimat baqa' ma tax spjega sodisfaċenti u wisq anqas naqas li jirrifondi l-flus neqsin ...Omissis...

9. ...Omissis...

10. ...Omissis...

11. Illi minħabba l-aġir ta' l-intimat ir-rikorrenti batew telf konsiderevoli ...Omissis...

12. Illi l-esponent jaf dawn il-fatti personalment u awtorizzat jaħlef din id-dikjarazzjoni.

Għaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni li tista' tkun neċessarja jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-intimat hu responsabbli għat-telf indikat hawn fuq fl-ammont totali li jrid jiġi likwidat fid-dawl tal-premess;

2. Tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont totali hekk likwidat.

Bl-ispejjeż, kif jingħad fir-Rikors kontra l-intimat li minn issa hu inġunt għas-subizzjoni.

so that they may be signed by the authorized signatories of the applicant ...Omissis...

3. That after the respondent finished his employment and another accountant was appointed Karl Magri, there appeared a number of discrepancies which made the new accountant make a more detailed investigation ...Omissis...

4. That in the course of the investigation it resulted that there was a substantial number of cheques which were issued on the name of the respondent in a total of Lm7,714.93 seven thousand seven hundred and fourteen liri and ninety three cents Lm7,714.93 (€17,970.95) ...Omissis...

5. That when asked to explain all this the respondent gave a number of different explanations ...Omissis...

6. That when the due searches were made with the Department mentioned it resulted against what the respondent had stated there were substantial arrears to be made and penalties and interest according to law had been incurred two thousand five hundred and eighty two liri 69c Lm2,582.69 (€6,016.05) ...Omissis...

7. That all this is explained in greater detail from document A annexed ...Omissis...

8. That despite of long attempts to explain and resolve the matter the respondent did not give a sufficient explaination and much less failed to refund the money which was short ...Omissis...

9. ...Omissis...

10. ...Omissis...

11. That due to the action of the respondent the applicants suffered considerable loss ...Omissis...

12. That the applicant knows these facts personally and is authorized to swear this declaration.

Thus the applicant prays with respect that this Honourable Court saving any necessary declaration:

1. Declares that the respondent is responsible for the loss indicated above in the global amount which is to be liquidated in the light of the premised;

2. Order the respondent to pay the applicant the global amount so liquidated.

With costs, as stated in the Application against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Rikorrenti: MTTA Mosta Technopark, Mosta.

Intimat: 11, Riverswood, Triq Dun Ġwann Hammet, Balzan.

Lista ta' xhieda.

Elenku ta' Dokumenti.

Ir-Rikors numru 1126/06 RCP, fl-ismijiet Farrugia Jesmond et vs Borg Jonathan J jinsab differit għall-aħħar darba għan-notifika tal-konvenut għall-10 ta' Mejju 2007, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Mejju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant: MTTA Mosta Technopark, Mosta.

Respondent: 11, Riverswood, Dun Ġwann Hammet Street, Balzan.

List of Witnesses.

List of Documents.

The Application number 1126/06 RCP, in the names Farrugia Jesmond et vs Borg Jonathan J has been put off for the last time for the service of the defendant to the 10th May 2007, at 9.00 am.

Registry of the Superior Courts, today 4th May 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

693

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Marzu 2007, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Numru 371/02 NC, fl-ismijiet Maria Rosaria sive Rose Zachau Pro et noe vs Carl Zachau, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) Ċitazzjoni Numru 371/02 NC, fl-ismijiet Rose Zachau pro et noe vs Carl Zachau, fil-11 ta' Ottubru 2006, rikors bl-urġenza ta' Rose Zachau, esponiet bir-rispett;

Illi b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' Mejju 2006, l-konvenut ġie ordnat iħallas lill-attriċi manteniment għaliha u għal binthom minuri…omissis…l-ammont ta' Lm60 (€139.76) fil-ġimgħa;

Illi Kristina għalqet 18 f'April 2006 u għalhekk l-esponenti trid tgħaddi b'ammont ta' Lm30 (€69.88) fil-ġimgħa filwaqt li kemmbinthom kif ukoll binhom…omissis…baqgħu jabitaw magħha fid-dar matrimonjali;

Illi binhom li llum għandu 20 sena għadu student u jattendi l-MCAST u fadallu sentejn oħra biex jispiċċa l-istudji tiegħu filwaqt li binthom għandha impieg sporadiku għaliex għadha apprendista fl-iskola tal-haridressing. Għalhekk l-esponenti trid tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' ikel, ilbies u kontijiet ...Omissis...

Illi fil-mori l-intimat telaq barra minn Malta u qed iqatta' minimament seba' ġimgħat barra minn Malta u jumejn biss f'Malta. Fil-fatt skond informazzjoni li għandha l-esponenti hu qed jaħdem f' kariga ta' responsabbiltà mad-ditta ewlenija

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 6th March 2007, in the records of the Sworn Application Number 371/02 NC, in the names Maria Rosaria sive Rose Zachau Pro et noe Vs Carl Zachau, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the Civil Court (Family Section) Writ of Summons Number 371/02 NC, in the names Rose Zachau pro et noe vs Carl Zachau , on the11th October 2006, urgent application of Rose Zachau whereby she pleaded with respect;

That by a decree of this Honourable Court of the 27th May 2006, the defendant was ordered to pay the plaintiff maintenance for her and their minor daughter…omissis…the amount of Lm60 (€139.76) per week;

That Kristina was 18 years old in April 2006 and thus the applicant has to make ends meet on Lm30 (€69.88) per week whilst both their daughter as well as their son…omissis…have continued to live with her in the matrimonial home;

That their son who is today 20 years old, is still a student and attends the MCAST and still has two years to finish his studies whilst their daughter, has a sporadic employment because she is still an apprentist in a hairdressing school. Thus the applicant has to pay the food, clothing and the bills ...Omissis...

That during the procedures the respondent left Malta and is spending at least seven weeks outside Malta and two days only in Malta. In fact according to information that the applicant has he has a job of responsibility with a main Firm

tal-prodotti tax-xagħar Tiġi u għalhekk għandu dħul sostanzjali.

Illi wkoll fil-mori impjega tnejn minn nies full-time fil-ħanut tal-partijiet Zig Zag Hairdressing Salon, Balzan, u qed iżomm id-dħul u l-profitti li allura jappartjenu lil komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet ...Omissis...

Illi l-intimat stabilixxa ruħu barra minn Malta u għandu residenza alternattiva filwaqt li l-esponenti tgħaddi bl-għajnuna soċjali biex tissupplimenta l-manteniment li tieħu minn għandu;...Omissis...

Illi jiġi rilevat li din l-Onorabbli Qorti kienet ġa ċaħdet talba ta' l-intimat sabiex jiġi revokat il-manteniment tagħha;

Illi kif jirriżulta mis-suespost jeżistu l-elementi meħtieġa sabiex jiġi awmentat il-manteniment ta' l-esponenti ...Omissis...

Illi kif jirriżulta minn Nota esibita mill-attriċi fil-11 ta' Diċembru 2003 (Dok. LS1) l-intimat kien ġa qed jiddikjara dħul mill-ZIG ZAG Salon għal sena bażi 2000 fl-ammont ta' madwar Lm16,000 (€37,269.97) għal dik is-sena.

Illi minn dak iż-żmien in-negozju żdied u għalhekk din l-Onorabbli Qorti tista' ben tapprezza li l-intimat għandu dħul biżżejjed biex jakkomoda t-talbiet ta' l-esponenti ...Omissis...

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. Tvarja d-digriet tas-27 ta' Mejju 2005, billi żżid il-manteniment pagabbli mill-intimat lill-esponenti ...Omissis...

2. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tabita fid-dar matrimonjali ad esklużjoni ta' l-intimat b'effett immedjat.
...Omissis...

3. Tordna lill-intimat sabiex jesebixxi d-dokumenti tal FS3 tiegħu għas-snin 2003-2006 kif ukoll il-Vat Returns kollha tiegħu, u għar-rigward tan-negozju ZIG Zag Salon għall-istess perjodu (2003 sal lum) kif ukoll li jesebixxi l-kuntratt ta' l-impieg tiegħu ...Omissis...

B'riserva għal jedd tagħha li titlob is-segwenti:

L-assenjazzjoni ta' proprjetà a saldu totali jew parzjali tal-jedd tagħha għall-manteniment a tenur ta' l-artikolu 54(6) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-likwidazzjoni ta' somma ta' manteniment għaliha għall-

of Hair products and thus has substantial income.

That during the proceedings he employed two people full-time in their shop Zig Zag Hairdressing Salon, Balzan, and he is withholding the income and profits which thus apply to the community of acquests existing between the parties...Omissis...

That the respondent established himself abroad and has an alternative residence whilst the applicant lives on social assistance to supply the maintenance she takes from him ...Omissis...

That it is pointed out that this Honourable Court had already rejected the demand of the respondent so that her maintenance be rejected;

That as results from the above their exist the necessary elements so that the maintenance of the applicant be increased ...Omissis...

That as results from a Note exhibited by the plaintiff on the 11th December 2003 (Doc. LS1) the respondent is already declaring income ZIG ZAG Salon for the basis 2000 in the amount of about Lm16,000 (€37,269.97) for that year.

That since that time the business increased and this Honourable Court can well appreciate that the respondent has enough income to uphold the demands of the applicant....Omissis...

Thus the applicant prays with respect that this Honourable Court:

1. Varies its decree of the 27th May 2005, by increasing the maintenance payable by the respondent to the applicant ...Omissis...

2. To authorize the applicant to live in the matrimonial home with the exclusion of the respondent with immediate effect ...Omissis...

3. To order the respondent to exhibit the documents his FS3 for the years 2003-2006, as well all his Vat Returns and as regards the business ZIG ZAG Salon for the same period (2003 till this day) and exhibited also his contract of employment ...Omissis...

Saving their right to ask for the following:

The assignment of property in total or partial settlement of her right to maintenance in terms of article 54(6) of Chapter 16 of the Laws of Malta

The liquidation of a sum of maintenance for a period during

perjodu li fih l-esponenti ma kenitx qed tirċievi ebda manteniment għaliha mill-intimat.

Ħlas ta' nofs il-profitti netti tal-ħanut Zig Zag Salon mill-2000 sakemm tinqata' l-kawża.

Bl-ispejjeż.

Notifika: Carl Zacchau
Zig Zag Salon,
140A, Main Street,
Balzan.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 371/02 NC fl-ismijiet Zachau Maria Rosaria sive Rose pro et noe vs Zachau Carl tinsab differita għas-27 ta' Ġunju 2007, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Mejju 2007.

AVV.DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

which the applicant was not receiving any maintenance for herself from the respondent.

Payment of half of the net profits of the shop Zig Zag Salom from 2000 till the lawsuit is decided.

With costs.

Notify: Carl Zacchau
Zig Zag Salon
140 A Main Street,
Balzan.

The case Writ of Summons Number 371/02 NC in the names Zachau Maria Rosaria sive Rose pro et noe vs Zachau Carl has been put off to the 27th June 2007 at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 3rd May 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

694

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-23 ta' Frar 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, il-Marsa, ippreżentaw Talba, fis-27 ta' Lulju 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Nicholas Pace Debono ta' 232/2, Belgravia Court, Triq it-Torri, Tas-Sliema, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitt mija u tnax-il lira Maltija u wieħed u disgħin ċenteżmu Lm612.91 (€1,427.70) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (657/06MK) hija differita għat-18 ta' Mejju 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 7 ta' Mejju 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 23rd February 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 27th July 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Nicholas Pace Debono of 232/2, Belgravia Court, Triq it-Torri, Sliema to pay the plaintiff company the sum of six hundred and twelve Maltese liri and ninty one cents Lm612.91 (€1,427.70) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 657/06MK) is put off on the 18th May 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 7th May 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

695

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Marzu 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 179/02 AF, fl-ismijiet Formaco Limited vs Martin Computers Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' noitifika fil-konfront tal-kjamat fil-kawża, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Formaco Limited 252-254, Żabbar Rd, Fgura, u b'digriet tat-13 ta' Ġunju 2006, il-Qorti laqgħet it-talba li jiġi kjamat in kawża John Martin, ippreżentaw fil-15 ta' Frar 2002, Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Martin Computers Limited, 71, Wistin Lavanzin Street, Fgura, fejn talbu s-soċjetà konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti bid-dispensa għas-smigħ tal-kawża ai termini ta' l-Artikoli 167 - 170, tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

2. Tikkundannaha thallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbatax-il elf, tliet mija u tlieta u ħamsin Lira Maltija u għaxar ċenteżmi Lm14,353.10 (€33,433.73), kif fuq indikat u għar-raġunijiet hawn fuq indikati.

Bl-ispejjeż kollha, kif jingħad fiċ-Ċitazzjoni kontra s-soċjetà konvenuta li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Xhieda.

Dokumenti.

Notifika: John Martin,
71, Wistin Lavanzin Street,
Fgura.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 179/2002 AF, fl-ismijiet Formaco Limited vs Martin Computers Limited, tinsab differita għall-10 ta' Mejju 2007, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Mejju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 14th March 2007, in the records of the Writ of Summons number 179/02 AF, in the names Formaco Limited vs Martin Computers Limited, ordered the following publication for the purpose of service of the third party , in terms of Article 187(3) of Chapter 12..

Formaco Limited 252-254, Żabbar Rd, Fgura, and by decree of the 13th June 2006, the Court upheld the application that John Martin be called into the suit, filed on the 15th February 2002, a Writ of Summons in the First Hall Civil Court, against Martin Computers Limited, 71, Wistin Lavanzin Street, Fgura, whereby they asked the defendant company to state why this Honourable Court should not:

1. Proceed to give judgement according to the demand of the plaintiff without proceeding to a hearing of the cause in terms of Article 167-170 of the Code of Organisation and Civil Procedure;

2. Condemn them to pay the plaintiff company the sum of fourteen thousand three hundred and fifty three Maltese Liri and ten cents Lm14,353.10 (€33,433.73) as above indicated and for the reasons above indicated.

With all the costs, as stated in the Writ of Summons against the defendant company from now summoned so that as reference to its evidence be made.

Witnesses.

Documents.

Notify: John Martin,
71, Wistin Lavanzin Street,
Fgura.

The cause Writ of Summons Number 179/2002 AF, in the names Formaco Limited vs Martin Computers Limited, has been put off to the 10th May 2007, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 7th May 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bl-ewro huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in euro are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*